MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 499/2004

**Luqa u Josephine konjugi Galea**

**vs**

**Spiridione sive Dione u Mary Tania konjugi Bartolo**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef Lira Maltin (LM3000) imhallsa akkont tal-prezz miftiehem ghax-xiri tal-utile dominium temporanju ghaz-zmien li ghad fadal mill-koncezzjoni emfitewtika originali tal-hanut bl-isem `Gerbulin Mini Market', Triq it-Trill, kantuniera ma' Triq il-Qarniet, Mellieha, u dan in vista tal-fatt li l-**

**konvenju ossia promessa ta' bejgh tal-15 ta' April tas-sena 2003 m'ghadux vinkolanti ghar-ragunijiet validi skond il-ligi;**

**Bl-ispejjez inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali tas-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena 2003 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-7 ta' Dicembru tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------